



Brussell, 27 ta' Novembru 2025
(OR. en)

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0132 (COD)**

**16004/25
ADD 1**

**JAI 1794
ASILE 113
FRONT 294
CODEC 1932**

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2024/1348 fir-rigward tal-applikazzjoni tal-kunċett ta' "pajjiż terz sikur" - <i>Approċċ ġenerali</i> - <i>Dikjarazzjoni mill-Greċja</i>

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Griega b'rabta mar-Regolament imsemmi hawn fuq.

DIKJARAZZJONI MILL-GREĊJA

dwar

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2024/1348 fir-rigward tal-applikazzjoni tal-kunċett ta' "pajjiż terz sikur"

Ir-riforma tal-kunċett ta' Pajjiż Terz Sikur hija pass ewlieni biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jipproċessaw l-applikazzjonijiet għall-ażil b'mod aktar effettiv u rapidu u għalhekk, mistennija li ttejjeb il-ġestjoni tal-migrazzjoni.

F'dan il-kuntest, il-Greċja testendi l-apprezzament sinċier tagħha lill-Presidenza Pollakka u dik Daniża, għall-isforzi ddedikati u l-impenn kostruttiv tagħhom matul il-proċess tan-negozjati biex jintlaħaq kompromess ibbilanċjat. Id-dispożizzjonijiet dwar il-kunċett ta' Pajjiż Terz Sikur jirriflettu u jakkomodaw it-tħassib ewlieni tal-Greċja.

Madankollu, il-Greċja żżomm il-pożizzjoni tagħha, li l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 68(3), dwar l-effett suspensiv mhux awtomatiku, billi tinkludi l-każijiet ta' benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru, tmur lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni maħsub tar-rieżami tal-kunċett ta' Pajjiż Terz Sikur kif deskritt fl-Artikolu 77.

Għal din ir-raġuni, il-Greċja ser tastjeni milli tivvota dwar l-emenda tar-Regolament (UE) 2024/1348 fir-rigward tal-applikazzjoni tal-kunċett ta' Pajjiż Terz Sikur.
